# KAPITOLU 25

## ORDINANZA DWAR L-IMPORTAZZJONI, MAGAZZINAĠĠ U BEJGĦ TA' *PETROLEUM*

*Emendat: XXV. 2000.36.*

*Biex tirregola l-importazzjoni, magazzinaġġ u l-bejgħ bl-imnut tal-*petroleum *u ta' sustanzi oħra bħalu.*

*Emendat: XXV. 2000.36.*

1 ta' April, 1889

*L-ORDINANZA IX tal-1889, kif emendata bl-Ordinanzi: VIII tal-1897 u XXIX tal-1934; bl-Ordinanza ta' Emerġenza XIV tal-1958; bl-Ordinanzi: XVI tal-1960 u XXV tal-1962; bl-Avviż Legali 4 tal-1963; bl-Atti: IX tal-1971, LVIII tal-1974, XI u XVI tal-1977, IX tal-1982, VII tal-1991, u XXV tal-2000; bl-Avviż Legali 407 tal-2007; u bl-Att XV tal-2009.*

**1.** It-titolu fil-qosor ta' din l-Ordinanza hu l-Ordinanza dwar l-Importazzjoni, Magazzinaġġ u Bejgħ ta' *Petroleum*.

Titolu fil-qosor. *Emendat: XXV. 2000.36.*

**2.** F'din l-Ordinanza, "*petroleum*" tfisser kull idrokarburi naturali sew f'forma likwida jew gassuża, magħdud żejt mhux raffinat u gass naturali, u sew jekk fi stat mhux raffinat jew naturali kemm f'forma proċessata jew raffinata.

Tifsir. *Sostitwit: IX. 1982.2. Emendat: XXV. 2000.36.*

**3.** (1) Is-sid jew kaptan ta' bastiment li biċċa mit-tagħbija tiegħu tkun tikkonsisti f'*petroleum* għandu jirrapporta lill-Awtorità għat-Trasport f'Malta ix-xorta ta' dik it-tagħbija flimkien ma' kull tagħrif ieħor li titlob l-Awtorità għat-Trasport f'Malta.

Il-kaptan ta' bastiment imgħobbi bil-*petroleum* għandu jiddikjara x-xorta ta' tagħbija li jkollu. *Emendat: XXIX..1934.2; IX. 1971.3; XVII. 1991.81; XXV. 2000.36; A.L. 407 tal-2007; XV. 2009.49.*

(2) L-aġent ta' bastiment, li biċċa mit-tagħbija tiegħu tkun tikkonsisti f'*petroleum* jew, jekk ma jkunx hemm dan l-aġent, l-impurtatur jew id-destinatarju ta' tagħbija ta' *petroleum*, għandu jagħti avviż lill-Awtorità għat-Trasport f'Malta tlitt ijiem qabel ma jasal dak il-bastiment.

(3) Jekk is-sid, il-kaptan, l-aġent, l-impurtatur jew id-destinatarju jonqos mid-disposizzjoni ta' dan l-artikolu, huwa jeħel penali mhux iżjed minn elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69):

Iżda, fil-każ ta' l-aġent, ta' l-impurtatur jew tad-destinatarju, huwa ma jeħilx dik il-penali jekk jipprova b'sodisfazzjon tal-qorti li quddiemha tiġi mismugħa l-kawża li ma kienx jaf jew li, bl-użu ta' diliġenza raġonevoli, ma setax ikun jaf bil-wasla ta' dak il-bastiment.

**4.** Il-Kontrullur tad-Dwana jista' jordna li jittieħed kampjun tal-*petroleum* li jkun jinsab abbord ta' dak il-bastiment, biex jiġi eżaminat bil-mod approvat mill-Ministru responsabbli għall-portijiet, fil-lok u fiż-żmien li l-imsemmi Kontrullur jista' jistabbilixxi, u l-kaptan jew il-persuna minnu maħtura jistgħu jkunu preżenti waqt dak l-eżami. L-uffiċjal jew persuna oħra li jagħmel dak l-eżami għandu jagħti ċertifikat dwar il-grad li fih il-*petroleum* eżaminat jieħu n-nar, u ċ-ċertifikat tiegħu fuq hekk jista' jinġieb bħala prova f'kull proċediment; iżda l-kaptan jista' jġib provi li juru li dak iċ-ċertifikat mhux eżatt, u f'dan il-każ il-qorti tista'

Setgħat tal-Kontrullur tad-Dwana. *Emendat: XVI. 1960.3; IX.1982.2;: XXV. 2000.36.*

taħtar periti biex jeżaminaw il-*petroleum* li għalih iċ-ċertifikat ikun jirreferixxi u jagħmlu rapport dwaru.

Setgħat tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta.
*Emendat:*
*XXIX. 1934.3;*
*A.L. 4 tal-1963;*
*IX. 1971.3;*
*XVII. 1991.81;*
*XXV. 2000.36;*
*XV. 2009.49.*

**5.** (1) Barra minn kull regolament ġenerali magħmul mill-Ministru responsabbli għall-portijiet, l-Awtorità għat-Trasport f'Malta tista' tordna li bastiment, illi biċċa mit-tagħbija tiegħu tkun tikkonsisti f'*petroleum*, m'għandux jidħol jew iħott it-tagħbija tiegħu ta' *petroleum* ħlief fil-port jew bajja u fil-post imsemmijin fl-ordni, u jekk il-kaptan jonqos li jesegwixxi minnufih dak l-ordni, l-Awtorità għat-Trasport f'Malta tista' tordna li l-bastiment jiġi meħud f'dak il-port jew f'dik il-bajja u f'dak il-post bi spejjeż u għar-riskju tal-kaptan.

(2) L-Awtorità għat-Trasport f'Malta m'għandhiex tħalli l-bastiment isiefer sakemm ma jiġux imħallsa l-ispejjeż tat-trasport u ta' l-indukrar tal-bastiment u tal-*petroleum*.

Pieni.
*Emendat:*
*XVI. 1960.3.*

**6.** Il-kaptan tal-bastiment imsemmi fl-artikolu 3, illi ma jkunx irid jagħti dik l-għajnuna li l-uffiċjali li jaġixxu taħt l-ordnijiet tal-Kontrullur tad-Dwana jitolbuh sabiex jieħdu l-kampjun imsemmi fl-artikolu 4, kif ukoll kull min volontarjament ifixkel lil dawn l-uffiċjali fl-esekuzzjoni tad-dmirijiet tagħhom taħt id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 4, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena tal-priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet xhur u ammenda.

Setgħa tal-Ministru responsabbli għall-portijiet li jagħmel regolamenti.
*Emendat:*
*XXIX. 1934.3;*
*A.L. 4 ta' l-1963;*
*XXV. 2000.36..*

**7.** Il-Ministru responsabbli għall-portijiet jista' jagħmel regolamenti dwar il-portijiet u bajji li fihom jistgħu jidħlu bastimenti mgħobbija bil-*petroleum*, u dwar il-post li fih dawn il-bastimenti għandhom jiġu sorġuti u jiżbarkaw it-tagħbija, kif ukoll dwar il-ħin u l-mod ta' dan l-iżbark u dwar il-kawtieli li għandhom jittieħdu waqt l-iżbark.

Piena f'każ ta' kontravvenzjoni għar-regolamenti.
*Emendat:*
*IX. 1971.3;*
*XI. 1972.2;*
*XVII. 1991.81;*
*A.L. 407 tal-2007;*
*XV. 2009.49.*

**8.** (1) Meta bastiment jiġi sorġut jew tagħbija tiġi maħtuta l-art jew xort'oħra żbarkata b'kontravvenzjoni ta' regolament magħmul taħt id-disposizzjonijiet ta' l-aħħar artikolu qabel dan, il-kaptan ta' dak il-bastiment, jew sid it-tagħbija, skond ma jkun il-każ, jeħel penali mhux iżjed minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (116.47) għal kull ġurnata, jew biċċa minn ġurnata, li fiha tibqa' sejra dik il-kontravvenzjoni.

(2) L-Awtorità għat-Trasport f'Malta tista' tordna t-trasport tal-bastiment jew tat-tagħbija, bi spejjeż tas-sid, f'post stabbilit fir-regolamenti hawn fuq imsemmija, u kull spiża li ssir għal dak it-trasport tista' tiġi meħuda lura bl-istess mod li tista' tintalab penali bis-saħħa ta' din l-Ordinanza.

Proċeduri għall-ħlas ta' penali u ta' spejjeż.
*Emendat:*
*A.L. 46 tal-1965;*
*LVIII. 1974.68.*

**9.** L-Avukat Ġenerali jista', fl-isem tal-Gvern, jaġixxi quddiem il-qorti ċivili kompetenti, għall-ħlas tal-penali jew ta' l-ispejjeż li għandhom jitħallsu taħt id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza.

Il-bastiment, u l-kaptan personalment, huma obbligati għall-ħlas tal-penali u ta' l-ispejjeż.

**10.** Il-bastiment, kif ukoll il-kaptan tiegħu personalment, huma obbligati għall-ħlas ta' kull penali jew ta' kull somma ta' flus li jkollu l-Gvern għall-ispejjeż li jkunu saru taħt id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza.

**11.** Il-Ministru responsabbli għall-portijiet jista' jagħmel, iħassar u jbiddel, b'Avviż tal-Gvern pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern, ordnijiet li bihom jagħmel igħoddu d-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza jew ta' regolamenti magħmulin bis-saħħa ta' din l-Ordinanza, jew ta' l-Att dwar l-Enemalta, jew miżmuma fis-seħħ b'dak l-Att, għal sustanzi infjammabbli, esplożivi jew korrosivi, iżda, il-kwantità ta' sustanzi li għalih b'Avviż tal-Gvern issir tgħodd din l-Ordinanza, illi tista' tinżamm mingħajr liċenza, għandha tkun biss il-kwantità speċifikata f'dak l-Avviż u, jekk din il-kwantità ma tkunx speċifikata, ebda kwantità ma tista' tinżamm mingħajr liċenza.

Il-Ministru responsabbli għall-portijiet jista' jagħmel igħoddu d-disposizzionijiet ta' din l-Ordinanza għal sustanzi oħra li jieħdu n-nar.
*Miżjud: VIII. 1897.2.*
*Emendat: A.L. 4 tal-1963; XVI. 1977.47.*
Kap. 272.

**12.*** Il-Ministru responsabbli għall-portijiet jista' jagħmel regolamenti speċjali dwar l-importazzjoni, magazzinaġġ u bejgħ bl-imnut ta' sustanzi esplożivi jew infjammabbli, li għalihom ma jgħoddux id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza jew ta' ordnijiet magħmulin mill-Ministru responsabbli għall-portijiet bis-saħħa ta' din l-Ordinanza:

Iżda dik is-setgħa ma għandhiex testendi għall-egħmil ta' regolamenti li jolqtu l-importazzjoni, il-magazzinaġġ u l-bejgħ ta' sustanzi esplożivi jew infjammabbli li dwarhom is-setgħa ta' egħmil ta' regolamenti hi vestita fl-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi taħt l-Att dwar Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi.

Il-Ministru responsabbli għall-portijiet għandu s-setgħa li jagħmel regolamenti speċjali.
*Miżjud: VIII. 1897.2.*
*Emendat: XIV. 1958; XXV. 1960.2; A.L. 4 tal-1963; XXV. 2000.36.*
Kap. 423.

---

*Dan l-artikolu kien jikkonsisti f'żewġ subartikoli. Is-subartikolu (2) ġie mħolli barra in konsegwenza ta' l-artikolu 47 ta' l-Att XVI ta' l-1977.